# Sir Anthony J. Mamo President ta' Malta (1974 -1976)



Nhar l-1 ta' Mejju 2008, tħabbret il-mewt ta' Sir Anthony Mamo, l-ewwel President ta' Malta. Sir Anthony twieled f'Birkirkara fid-9 ta' Jannar 1909. Studja fis-Seminarju tal-Arċisqof u wara fl-Universtita' Rjali ta' Malta. Fl-1931 iggradwa fil-Baċellerat ta' l-Arti (B.A.) u fl-1934 bħala avukat (LLD). Dam jipprattika ta' avukat privat għall-ftit aktar minn sena. Kien ukoll inħatar President tas-Soċjeta' Dun Filippu Borgia. Fl-1942 serva bħala Avukat tal-Kuruna sakemm fl-1955 sar l-Avukat Ġenerali. Wara karriera brillanti responsabbli mill-affarijiet interni, fl-1943 Sir Anthony kien inħatar professur tal-liġi kriminali fl-Universita' ta' Malta sal-1951 meta nħatar Prim Imħallef u President tal-Qorti tal-Appell sal-1971 meta ġie appuntat Gvernatur Ġenerali. Mal-proklama ta' Malta Repubblika fit-13 ta' Diċembru 1974 inħatar President ta' Malta sal-27 ta' Diċembru 1976. Sir Anthony kien ġie mogħti t-titlu ta' Sir fl-1955. Fl-1998 ingħata sieħeb il-ġieħ fl-Ordni Nazzjonali ta' Meritu.

Malta sellmet lil dan il-Karkariż illustri f'funeral statali nhar il-Ġimgħa 2 ta' Mejju. L-għada s-Sibt 3 ta' Mejju sarlu servizz funebri ġewwa l-Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena Birkirkara. It-tliet baned Karkariżi, magħqudin f'banda waħda akkumpanjawh minn Triq il-Wied, quddiem il-Każin Santa Liena tal-Banda Duke of Connaught's Own sal-Bażilika, b'daqq ta' marċi funebri.





